# Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)
# (Sede Kostituzzjonali)

## Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D

## Rikors Numru 622/2023/1DC

***Vincent Xuereb (K.I. 8074G), u***
***Noel Vella (K.I. 1682G)***

***vs***

***L-Avukat tal-Istat***

Illum, l-1 ta' Awwissu 2024

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Vincent Xuereb u Noel Vella preżentat fl-10 ta' Lulju 2024, permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi talbu lill-Qorti tikkonċedielhom permess speċjali biex ikunu jistgħu jintavolaw appell minn degriet mgħoti fid-9 ta' Lulju 2024.

Rat ir-risposta ta'l-Avukat ta' l-Istat preżentata fit-23 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema oppona t-talba[1].

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

[1] Peress illi r-risposta oriġinali baqgħet ma gietx inserita in atti, ġiet preżentata kopja permezz ta' nota.

Illi huwa permezz ta'l-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li l-Liġi tagħna tirregola meta jistgħu jiġu appellati degrieti mgħotija *pendente lite*. Dan l-artikolu jiddistingwi bejn tlett kategoriji ta' degrieti: dawk li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux mas-sentenza finali (elenkati fis-subartikolu 1); dawk li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva mingħajr ma jintalab permess tal-Qorti (elenkati fis-subartikolu 2); u dawk li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva bil-permess speċjali tal-Qorti skond kif jipprovdi s-subartikolu 3. Dan is-subartikolu jipprovdi li:

> *Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, ... ... . Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva ... ...*

Illi għalhekk degrieti interlokutorji li mhux elenkati fis-subartikoli (1) u (2) jistgħu jiġu appellati biss jekk il-persuna aggravata titlob u tingħata *permess speċjali* mill-Qorti li tkun tat id-degriet. Dwar in-natura *speċjali* ta' tali permess pronunzjat ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża ***Catherine Balzan pro et noe vs Tarcisio Balzan***[2] fejn ntqal li:

> *L-artikolu 229 li ġie sostitwit bl-Att XXIV tal-1995 u emendat b' dak IV tal-1996 ġie ntrodott fis-sistema tagħna biex jiġu evitati l-kwantita' ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiment ta' kawża fil-prim' istanza li diversi drabi l-uniku skop tagħhom kien li jitwalu l-proċeduri. Kien għalhekk illi l-leġislatur ħass li kellu jimponi dawk il-każijiet fejn ma kellu qatt isir appell ħlief mis-sentenza finali (sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 229) u dawk il-każijiet, inveċe, fejn kien assolutament neċessarju li jsir appell qabel dak l-istadju għall-prosegwiment ġust u effikaċi ta' dik il-kawża partikolari [sub-artikolu (2)]. Dawn il-listi pero' ma setgħux kienu kompleti u kien għalhekk illi, f'każijiet oħra, id-diskrezzjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva ġiet imħollija f'idejn il-ġudikant. Bil-mod kif huwa redatt pero' l-istess sub-artikolu jindika li għandu jiġi nterpretat b'mod illi dan il-permess għandu jingħata biss għar-raġunijiet ta' ċertu portata. Infatti l-ġudikant irid ikun konvint illi jkun "aħjar u ġust" illi l-materja tinġab quddiem il-Qorti ta' l-Appell fi stadju prematur ta' l-andament tal-kawża. In-norma għalhekk hija li jekk l-Ewwel Qorti ma tikkonsidrax li jkun sew "aħjar"*

[2] Deċiżjoni mgħotija f'l-4 ta' Mejju 2001.

> *sew "ġust" li jsir dan il-permess, dan il-permess li jissejjaħ "specjali" mill-istess liġi ma għandux jingħata.*

Illi kien hemm okkazzjonijiet ukoll meta din il-Qorti indikat li l-permess għal appell skond is-subartikolu (3) għandu jingħata biss f'kaz ta' degrieti "*li jkunu jistghu jaffetwaw is-sentenza definittiva*"[3].

Illi aktar minn hekk f'degriet ieħor mgħoti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża f'l-ismijiet ***Alfred Schwab vs Mr Green Ltd***[4] intqal li:

> *... ... il-liġi trid fl-artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li min qiegħed jitlob permess biex jappella, irid jikkonvinċi u jipperswadi lill-ewwel qorti li fl-aħjar interess tal-ġustizzja hemm raġuni tajba għaliex l-appell għandu jitħalla jsir mill-ewwel qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.* ***L-irwol tal-qorti għalhekk skont dan l-artikolu mhuwiex li tkun bħal speċi ta' timbru, fejn għandha dejjem għandha tagħti l-permess tagħha biex isir appell;***[5]

Illi minn dan l-insenjament huwa ċar li l-leġislatur għaraf li jista' jkun hemm ċirkostanzi li s-subartikolu (2) ta'l-artikolu 229 ma jipprovdiex għalihom pero li fihom ikun *aħjar u ġust* li appell minn degriet interlokutorju isir qabel is-sentenza definittiva. Il-leġislatur għalhekk ħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tiddeċiedi hi skond iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull kaz jekk f'dawk iċ-ċirkostanzi hux *aħjar u ġust* li l-appell minn degriet interlokutorju isir qabel is-sentenza definittiva.

Illi għal kull bon fini u la darba d-degriet li minnu jixtiequ jinteronu appell minnu r-rikorrenti huwa wieħed mgħoti ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li għandha ssir referenza ukoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 46(4) tal-Kostituzzjoni u, bħalu, l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe:

> *Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*

Illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali li dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 mhux kunfliġġenti mal-artikolu 229(3) tal-Kap 12. Dan għaliex fil-waqt li l-artikolu 46(4) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(4)

---

[3] Ref ***Pierre Grech vs Josanne Grech*** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 16 ta' April 2002.
[4] Mgħoti fis-6 ta' Mejju 2022.
[5] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

jistabilixxi d-dritt ta' appell minn kull d-deċiżjoni li tieħu din il-Qorti f'proċeduri tentati skond l-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319, l-artikolu 229 tal-Kap 12, applikabbli għall-proċeduri Kostituzzjonali skond l-artikolu 7 tal-Avviż Legali 279 tas-sena 2008 (LS 13.09), jirregola f'liema waqt tal-proċeduri għandu jsir l-appell.

> *12. Ma jeżistu l-ebda regoli speċjali oħra fir-rigward ta' digrieti (u appelli relatati) mogħtija mill-qrati ta' sede kostituzzjonali u b'hekk skont ir regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 12.09 għandu japplika l-Artikolu 229 tal Kap 12:*
>
> > *"Barra minn dak li huwa maħsub mod ieħor f'dawn ir-regoli, id disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi", u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula bis-saħħa tal-Kodiċi għandhom japplikaw mutatis mutandis għal proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2."*
>
> *13. Din il-Qorti hi tal-fehma li s-subinċiż 4 tal-Artikolu 46 tal Kostituzzjoni ta' Malta, ... ... u l-Artikolu 229 tal-Kap 12 ma jmorrux kontra xulxin stante li dak li jagħmel huwa li jipprovdi fuq 'meta' jista' jsir appell minn digriet. Dan mhux xi provediment fieragħ, l-għan tiegħu huwa li l-proċeduri, speċjalment dawk kostituzzjonali li huma ta' natura urġenti, ma jittawlux bla bżonn.* [6]

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' degriet mgħoti fid-9 ta' Lujlu 2024 il-Qorti ċahdet talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura proviżorju. Il-miżura li kienu qed jitolbu r-rikorrenti kienet is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Vincent Xuereb et*. Din is-sentenza kienet ingħatat fl-20 ta' Marzu 2023 u permezz tagħha ġiet konfermata sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kienet sabet lir-rikorrenti ħatja tal-imputazzjonijiet lilhom addebietati u kull wieħed minnhom ġie ikkundannat tmintax il-xahar priġunerija u multa ta' mija tlieta u sebgħin elf disgħa mija tlieta u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€173,983.68) li terż minnha għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lid-Dipartiment tad-Dwana.

[6] Ref ***Muktar Usman vs L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et***: 19 ta' Settembru 2023.

Illi r-rikorrenti jikkontendu li l-ammont tal-multa *ipoġġihom fuq xifer irdum ikrah u għoli* u li *r-riskju għalihom huwa dejjem fuq ix-xefaq u qegħdin isofruh ma kull jum li jgħaddi*. Da parti tiegħu l-konvenut jinsisti fost affarijiet oħra li r-riskji imsemmija huma ipotetiċi u ma ntweriex li huma imminenti, li jekk isir appell f'dan l-istadju dawn il-proċeduri ser jitwalu inutilment bi ksur ta' dak predispost fl-artikolu artikolu 6 tal-Avviż Legali 279 tas-sena 2008 (LS 12.09) fuq imsemmi, u li m'hemm l-ebda ċirkostanza a bażi ta' liema jkun aħjar u ġust li l-appell mid-deġriet de quo jsir qabel ma tingħata s-sentenza finali.

Illi l-Qorti tikkondividi dawn il-fehmiet tal-konvenut ghaliex huwa korrett meta jgħid li ma ntwera l-ebda riskju imminenti jew xi preġudizzju rreparabbli u appell interpost f'dan l-istadju ser iservi biss biex jitwalu dawn il-proċeduri inutilment.

Illi f'dan ir-rigward l-Qorti tirrileva li l-kwistjonijiet sollevati fir-rikors promotur huma punti legali u jidher li ftit li xejn hemm provi x'jiġu prodotti għalhekk il-kawża prinċipali tista' tiġi deċiża fi żmien qasir. Aktar minn hekk, u fit-termini tal-ġurisprudenza fuq ċitata, id-degriet li minnu r-rikorrenti jixtiequ jappellaw m'hu ser ikollu l-ebda effett fuq is-sentenza definittiva.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax li nġiebu raġunijiet suffiċjenti biex jikkonvinċuha li jkun *aħjar u ġust* li r-rikorrenti jingħataw permess biex jappellaw mid-degriet in eżami f'dan l-istadju.

Għal dawn il-motivi it-talba tar-rikorrenti qed tiġi miċhuda. Spejjez relatati ma' dan ir-rikors ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**